# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 506**

**L-Erbgħa 20 ta' Marzu, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 506.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

506.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Agius fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius ikun skużat.

506.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Roderick Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Roderick Vella jkun skużat.

506.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Brian Spiteri fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jkun skużat.

506.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

## 506.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

506.2.1 Il-minuti tal-505 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

## 506.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

506.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-*email* li ntbgħatet lill-Kunsillieri mingħand *Seafront Interest Group* fejn talbu lill-Kunsill biex jieħu pożizzjoni dwar ir-reklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi l-istudji dwar fejn tista' issir ir-reklamazzjoni tal-art mill-baħar kienu għadhom għaddejin, jiġifieri għad m'hemmx deċiżjoni fuq l-ebda sit. Is-Sindku żied jgħid li r-rapporti li dehru fil-ġurnali lokali kienu biss spekulazzjonijiet u għalhekk il-Kunsill ma jistax jieħu pożizzjoni f'dan l-istadju. Is-Sindku semma kif fil-passat il-Kunsill dejjem ħa nteress fl-aspett ambjentali u oġġezzjona għall-iżviluppi tal-bini ta' *Mc Donalds* fuq art barra l-iżvilupp fi Triq tal-Labour, kif ukoll għall-kostruzzjoni ta' pompa tal-fjuwil fi Triq Villabate.

506.3.2 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill tax-Xgħajra kien diġa ħa pożizzjoni u oġġezzjona għar-reklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra.

506.3.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lill-Kunsill sabiex joġġezzjona għar-raklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra peress illi kienet ser issir raklamazzjoni tal-art f'Ħaż-Żabbar ukoll.

506.3.4 Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi l-Kunsill ma jistax jieħu pożizzjoni qabel ma jiġi ffinalizzat ir-rapport u jkun hemm xi tip ta' proposta.

506.3.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsill tax-Xgħajra kien ħareġ stqarrija.

506.3.6 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-ERA kienet qed tagħmel studju dwar ir-reklamazzjoni tal-art tax-Xgħajra u talbet li l-Kunsill joġġezzjona għal dan il-proġett.

506.3.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jingħaqad mal-Kunsill tax-Xgħajra f'każ li tkun ser issir reklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra.

506.3.8 Il-Viċi-Sindku qal illi għalissa għadu kmieni biex wieħed jieħu l-pożizzjoni tiegħu u talab lill-Kunsill jistenna r-rapport finali dwar ir-reklamazzjoni tal-art.

506.3.9 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir oġġezzjoni għar-reklamazzjoni tal-art tax-Xgħajra f'każ li fir-rapport finali jiġi ppubblikat illi ser ikun hemm impatt ambjentali f'Ħaż-Żabbar.

506.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien għaddej bil-proċess tal-offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019). Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi din is-sejħa kienet ħarġet b'urġenza.

506.3.11 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tad-Djar dwar skema 2 – Manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern u qal illi l-Kunsill kien ġie allokat is-somma ta' €12,000 sabiex tintuża għal dan il-għan. Il-blokki li jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema kienu Block J fi Triq il-Ġiżimina u Blk I fi Triq il-Ward. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Amministraturi kienu ġew magħżula kif mitlub mill-Awtorità tad-Djar.

506.3.12 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mill-kumpanija *Equinox Advisory Limited* għas-servizz ta' *Data Protection Officer* għall-prezz ta' €150 eskluż il-vat fix-xahar, kif ukoll €75 eskluż il-vat fis-siegħa għax-xogħlijiet imwettqa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lill-kumpanija *Equinox Advisory Limited* sabiex tagħti s-servizz ta' *Data Protection Officer*.

506.3.13 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata *Pagaent* tal-Ġimgħa l-Kbira madwar it-toroq ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll wirja fix-xelter li hemm f'Misraħ is-Sliem. Din l-attività issir bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u l-Kunsill iħallas għall-kiri ta' dawl sabiex tinxtgħel Triq is-Santwarju

matul din l-attività, tqassim tal-*leaflets* u jħallas l-applikazzjoni għas-servizz ta' dawl temporanju.

506.3.14 Is-Sindku tkellem dwar l-istedina uffiċjali għal *Eschenfest* li ser issir f'Mejju li ġej u talab lill-Kunsillieri sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu nteressati li jmorru Eschborn. Is-Sindku qal illi n-Nutar William Azzopardi kien ser jesebixxi x-xogħlijiet tiegħu f'esebizzjoni matul din l-istedina. Is-Sindku ppropona li l-ispiża totali għal *Eschenfest* m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €2,000. Is-Sindku qal ukoll li f'każ li l-ispiża tad-delegazzjoni taqbeż is-somma ta' €2,000 din id-differenza għandha tinqasam bejn il-Kunsillieri. Is-Sur Julian Paul Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

506.3.15 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Diċembru 2018. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

506.3.16 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Michael Cassar dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €400 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

### 506.4 *EU Funding* Ħas-Sajjied – *Measure 4.3 – Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry*

506.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-kuntrattur tal-kumpanija *Road Maintenance Services Ltd* kien qed jitlob li jitħallas għax-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied u żied jgħid li dan il-ħlas kien ilu dovut minn Diċembru. Is-Sindku qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu għaddej bil-verifiki meħtieġa u l-pagament kien għadu ma ġiex approvat minħabba diversi nuqqasijiet.

506.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku jinforma lill-Kunsill x'kienu dawn in-nuqqasijiet.

506.4.3 Is-Sindku qal illi n-nuqqasijiet kienu relatati ma' *procurement* u spjega li meta nħarġet l-applikazzjoni għall-Miżura 4.3 il-Kunsill kien għaddej bil-proċess għall-ħatra ta' perit u biex ilaħħaq jissottometti l-applikazzjoni fil-ħin talab lill-Perit George Buhagiar jipprepara l-*bill of quantities*. Is-Sindku qal ukoll illi meta tlesta l-proċess tal-għażla għall-ingaġġ ta' perit, il-Perit William Lewis kien irrifjuta li jaħdem fuq il-*bill of quantities* li kien ipprepara l-Perit Buhagiar u għalhekk il-Kunsill kien kostrett jitlob is-servizz tal-Perit Buhagiar b'*direct order*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi meta ngħatat din id-*direct order* il-Kunsill ma kien qed jikser l-ebda regolament finanzjarju. Barra minn hekk kien

hemm varjazzjonijiet mill-valur tal-kuntratt minħabba żball tekniku tal-Perit u l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni ta' din il-varjazzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien issottometta t-talba għal rimborż ta' fondi mill-ARPA skond il-linji gwida u l-Kunsill ġie nfurmat illi l-kuntrattur ma kellux dritt għall-*Interim Payments*.

506.4.4 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħareġ il-pagament dovut lill-kuntrattur tal-kumpanija *Road Maintenance Services Ltd* mingħajr aktar dewmien, minkejja li dan jista' jwassal għal-tnaqqis mill-fondi Ewropej.

506.4.5 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skużat.

506.4.6 Is-Sur Julian Paul Scicluna ssuġġerixxa li l-Kunsill jilħaq ftehim mal-kuntrattur u jħallas parti mill-flus dovuti.

506.4.7 Il-Viċi Sindku qal illi f'każ li l-Kunsill ma jimxix mal-proċeduri stipulati tal-Unjoni Ewropeja jsir tnaqqis mis-somma dovuta lill-Kunsill bħala penali.

506.4.8 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill iħallas it-tieni pagament dovut lill-kuntrattur tal-kumpanija *Road Maintenance Services Ltd* mill-fondi tal-Kunsill mingħajr aktar dewmien.

**506.5 Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

506.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-*Interviewing Board* dwar l-intervista li saret lill-applikanti għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li s-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto kienet adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata s-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto mal-Kunsill bħala Segretarju Eżekuttiv.

**506.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

506.6.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Frar 2019 u l-20 ta' Marzu 2019 li kienet tammonta għal €53,818.81.

506.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2019 li kien jammonta għal €86.45.

**506.7 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti**

- **Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 8/2018)**

506.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm ħames offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 8/2018) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija *Waste Collection Limited* għall-prezz ta' €108,150 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

- **Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019)**

506.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm sitt offerti għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sur Christopher Bonello għall-prezz ta' €20,899 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

- **Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2019)**

506.7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm żewġ offerti għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 3/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sur Alexander Fenech għall-prezz ta' €22,000 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

## 506.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

506.8.1 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar vandaliżmu u abbuż ta' droga li qed ikun hemm f'Misraħ San Ġakbu u talab lill-Kunsill biex jieħu inizzjattivi favur relazzjonijiet soċjali għal uħud mill-individwi li jiffrekwentaw dan il-post. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irċeviet diversi lmenti mir-residenti li joqgħodu f'Misraħ San Ġakbu f'dan ir-rigward.

506.8.2 Is-Sindku qal illi f'Misrah San Ġakbu kienu ġew installati *CCTV cameras* sabiex jinqatgħu l-abbużi.

506.8.3 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-problema ta' parkeġġ f'Misraħ San Ġakbu u talab sabiex jiġu nklinati l-*parking bays* li hemm fil-viċinanzi ta' Triq ix-Xgħajra u Triq iċ-Ċimiterju biex b'hekk jiżdied l-ispazju għall-parkeġġ. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsir studju sabiex jiżdied il-parkeġġ f'Misraħ San Ġakbu.

506.8.4 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex nhar ta' Sibt titwaħħal *bollard* f'Misraħ San Ġakbu fil-viċinazi fejn tittella' l-istatwa tal-Assedju. Dan peress illi kien qed ikun hemm individwi li jibqgħu deħlin bil-vetturi tagħhom ħdejn *St James Hospital* minkejja li jkun hemm il-bejjiegħa tal-monti. Is-Sindku qal illi kien ser isir rapport il-pulizija.

506.8.5 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi nhar l-Erbgħa 24 t'April 2019 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani f'Għawdex. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar saċ-Ċirkewwa.

506.8.6 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra.

506.8.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Renato Agius Muscat. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

506.8.8 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex tiċkien ir-*roundabout* ta' mal-Monument tal-Gwerra peress illi meta tieqaf il-karozza tal-linja fuq il-*bus stop* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kien qed jinħoloq konġezzjoni tat-traffiku.

506.8.9 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex il-Kunsill isib soluzzjoni għall-kwantità ta' ilma tax-xita li waqt u wara kull maltempata kien qed ikun hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut *Prime.* Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li jsir kanal biex jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel fil-viċinanzi tal-ħanut *Prime* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u jiġi devjat għal ġol-kanal li hemm fil-viċinanzi tas-Sala Ragħaj it-Tajjeb.

506.8.10 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni minħabba l-vetturi li kienu qed jgħaddu minn Triq Santa Duminka. Is-Sinjura Calleja qalet li din it-triq ma tiflaħx vetturi kbar. Is-Sindku qal illi l-unika soluzzjoni tkun li ssir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan biex b'hekk tkun tista' tinfetaħ triq u Triq Santa Duminka issir *pedestrian*.

506.8.11 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex issir il-bankina fi Triq Mons Gużeppi Zarb ma' Triq il-Baħrija. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi diġa kien ressaq din it-talba fil-passat u żied jgħid li kien mar mal-*project manager* tal-Kunsill biex jara x'hemm bżonn isir.

506.8.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li tissolva l-problema tal-għargħar tal-ilma tax-xita fi Triq Alessio Erardi fil-viċinanzi tal-Knisja tas-Salib Imqaddes peress illi qed ikun ta' nkonvenjent kbir għall-*pedestrians* biex jaqsmu minn fuq iz-*zebra crossing*.

506.8.13 Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-Kunsill illi kienet ser torganizza kompetizzjoni għall-isbaħ u l-itjeb tliet figolli mżejna għall-festa tal-Għid. Is-Sinjura Calleja talbet l-appoġġ tal-Kunsill sabiex din l-attività tkun suċċess.

506.8.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tinżebagħ *zebra crossing* fuq ir-*road hump* li hemm fil-viċinanzi tal-ħanut taż-żebgħa fi Triq Alessio Erardi.

506.8.15 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *refresh* taż-żebgħa fi Triq il-Kapuċċini.

**506.9 Mozzjonijiet**

506.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**506.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

506.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-507 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 1 t'April 2019.

IFFIRMATA
Marc Vella Bonnici
Sindku